**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 27 ta' Settembru 2016**

**Rikors Numru. 57/2014**

**Christian Borg**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Christian Borg** fit-28 ta' Lulju 2014 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti ghadu kif ircieva ittra minghand l-Awtorita` intimata fejn gie nfurmat illi nzammitlu l-licenzja tas-sewqan tieghu minhabba li wehel ammont ta' penalty points illi jimmeritaw li tali licenzja tinzamm.*

*Illi kopja tal-korrispondenza li ghaddiet bejn l-esponenti u l-Awtorita` qed tigi esebita bhala Dok A.*

*Illi huwa hass ruhu aggravat mid-decizjoni fuq imsemmija tat-23 ta' Lulju 2014 u qed jintavola appell.*

*Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:*

*L-esponenti huwa sid il-garage bl-isem "Princess Garage" ta' numru 17, Triq il-Fraxxnu, St. Julians mil-liema fond huwa jopera taht ismu negozju ta' kiri ta' vetturi (car hire). Fuq ismu llum, l-esponenti ghandu registrati mitejn u ghoxrin (220) vettura tal-kiri. Ta' min jinnota illi l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tippermetti biss illi vetturi jigu registrati maghha fuq isem l-individwu u mhux f'isem xi azjenda jew kumpanija u ghalhekk dawn il-vetturi kollha jinsabu registrati fuq isem l-espoenenti.*

*Tul dawn l-ahhar tlett snin, l-esponenti kien qed jikri dawn il-vetturi lil diversi klijenti tieghu, fosthom numru kbir ta' turisti billi huwa l-agent f'Malta ta' Green Motion Car & Van Rentals u Goldcard Car Hire, u huwa dejjem hallas il-multi inkorsi minnhom ghall-kontravenzjonijiet tat-traffiku izda baqa' l-fatt illi huwa, billi dawn il-vetturi kienu registrati fuq ismu, beda jinkorri numru ta' penalty points li sal-lum jammontaw ghal circa hames mitt (500) punt. Dan jista' jigi verifikat mill-fatt illi l-kontravenzjonijiet jirreferu ghal numru kbir ta' vetturi.*

*Ghalhekk jidher car illi ladarba l-kontravenzjonijiet ma sehhewx tort tal-esponenti, huwa ma haqqux il-penalty points relattivi u m'hemmx lok li l-licenzja tas-sewqan tieghu tinzamm.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-Awtorita` kif kontenuta f'ittra tal-Awtorita` tat-23 ta' Lulju 2014 u konsegwentement jordna illi l-esponenti jerga' jinghata l-licenzja tas-sewqan u dana taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta ta' **l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fil-11 ta' Awissu 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. *"Illi t-talba tar-rikorrent hija infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi l-Awtorita` rispondenti agixxiet korrettement u perfettament in linea u in osservanza tad-disposizzjonijiet ta' Regolament 38 et sequitur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18.*

2. *Illi d-dover tal-Awtorita` huwa illi timxi u tosserva d-disposizzjoni tal-ligi illi tirregolaha u ghalhekk id-decizjoni mehuda hija wahda korretta u skont il-ligi*."

Ra d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 23 ta' Lulju 2014;

Ra l-atti kollha;

Sema' x-xhieda ta' Karen Cremona[1], ta' Dr. Louis Bianchi[2], ta' Brian Farrugia[3] u ta' Sylvana Bartolo;[4]

Ra illi fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2015 it-Tribunal qajjem *ex officio* l-eccezzjoni tat-tardivita` ta' dan l-appell;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni;
Ra r-rikors tar-rikorrent datat 28 ta' Lulju 2016 fejn permezz tieghu talab lil dan it-Tribunal jissospendi dawn il-proceduri *sine die* sakemm tinstema' u tigi deciza kawza kostituzzjonali li giet intavolata minnu;

[1] A fol. 25A sa 25B u a fol. 66 u 67
[2] A fol. 49 sa 50
[3] A fol. 57 sa fol. 58
[4] A fol. 68 u 69

Ra d-digriet datat 22 ta' Awwissu 2016 fejn giet michuda t-talba tar-rikorrent stante li din is-sentenza hija biss limitata ghall-kwistjoni tat-tardivita o meno tal-appell odjern;

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi r-rikorrent ghandu registrati fuq ismu mitejn u hdax (211)-il vettura u li minn kif jirrizulta minn Dok KC1 a fol. 26 et seq. esebit minn Karen Cremona, ufficjal tal-Awtorita` intimata, kollha ghandhom pjanci ta' registrazzjoni tal-kiri. Illi tul is-snin dawn il-vetturi, jew min kien qed isuq dawn il-vetturi, ikkommetta ghadd ta' kontravvenzjonijiet u peress li l-istess vetturi huma kollha registrati fuq isem ir-rikorrent huwa gie penalizzat bil-punti penali relattivi li sad-data tal-prezentata tar-rikors odjern kienu jammotnaw ghal hames mitt (500) punt. In vista li r-rikorrent kien lahaq il-massimu ta' punti penali ghal min ikollu licenzja bi prova, l-Awtorita` intimata gharriftu li kienet qieghdha tirrevokalu l-licenzja tas-sewqan bi prova.

Illi l-konsulent legali tar-rikorrent stqarr illi wara li r-rikorrent ircieva d-decizjoni mill-Awtorita` intimata fejn gie infurmat li kienet qieghdha tissospendilu l-licenzja tas-sewqan kien hemm diversi skambji ta' ittri u laqghat peress li s-sitwazzjoni kienet kemmxejn *sui generis*. Jghid li r-rikorrent appella wara d-decizjoni tat-23 ta' Lulju 2014 peress li fiha hemm imnizzel li d-decizjoni tal-Awtorita` kienet wahda finali u li ghalhekk iz-zmien tal-appell jibda ghaddej minn meta r-rikorrent ircieva tali ittra finali. Jghid li *nel frattemp*, pendenti d-diskussjonijiet u skambji ta' ittri, l-Awtorita` intimata accettat li kull arrangament dwar ir-revoka tal-licenzja jigi sospiz.

Illi dan it-Tribunal irrifletta fit-tul fuq il-kwistjoni u ha in konsiderazzjoni dak li ddepona dwaru l-konsulent legali tar-rikorrent. Illi t-terminu li fih persuna aggravata ghandha dritt tappella minn decizjoni tal-Awtorita` intimata li permezz taghha tirrevoka licenzja tas-sewqan huwa ta' ghoxrin gurnata.[5] Illi jirrizulta illi r-rikorrent certament ircieva l-ewwel ittra tal-Awtorita` intimata li permezz taghha gie mgharraf bir-revoka tal-licenzja qabel l-1 ta' Novembru 2013 stante li mill-atti jirrizulta illi f'tali data l-konsulent legali tar-rikorrent, Dr. Louis Bianchi, kiteb lill-Awtorita` intimata b'risposta ghall-ittra tal-istess Awtorita`. Illi certament, allura, mill-ewwel decizjoni tal-Awtorita` intimata fejn giet revokata l-licenzja ghaddew hafna aktar mill-ghoxrin gurnata stipulati mil-ligi.

[5] Artikolu 40 tal-Kapitolu 499

Illi, madankollu, ir-rikorrent jikkontendi li ladarba kien hemm ghaddejin diskussjonijiet, id-decizjoni tal-Awtorita` kienet giet sospiza. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Carmel Mercieca vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**[6] fejn ir-rikorrent f'dik il-kawza pprova jiggustifika t-tardivita` ta' l-appell tieghu minn stimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minhabba mard gravi. Il-Qorti ta' l-Appell ma laqghetx din l-iskuzanti u osservat *"illi t-termini, legalment imposti jew kontrattwalment akkordati, huma dejjem, u f'kollox, ta' massima importanza. Mill-punto di vista ta' l-ordinament procedurali taghna t-termini "huma jew gudizzjarji, li billi huma imposti mill-ligi jissejhu wkoll legali jew gudizzjali, li huma dawk it-termini li timponi l-Qorti" (Joseph Tabone nomine v. John Mousu proprio et nomine" Appell Kummercjali, 6 ta' Lulju 1993). It-termini gudizzjarji, li jikkoncernaw a propozitu il-kaz taht ezami, huma, imbaghad, klassifikati bhala perentorji jew ordinatorji. Il-Ligi taghna donnha tohloq presunzjoni tal-karattru ordinatorju ta' dawn it-termini legali. Dan kif desumibbli minn ezami ta' certi disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament l-Artikolu 106 tieghu. Naturalment anke jekk ma jkunx jinghad expressis li certu terminu hu wiehed perentorju dan il-karattru jista' jitnissel aliunde anke mill-effetti li jipproduci d-dekors tat-terminu dipendenti, s'intendi, mis-sanzjoni espressa fin-norma li tkun. Ara, ad ezempju, Artikolu 963 tal-Kapitolu 12. Anke jekk b'riflessjoni ghall-elementi ta' l-azzjoni ta' spoll, titqies valida l-enuncjazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a Vol. XXIV pI p276: Secondo I principii di diritto quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine anziche di prescrizione è termine di decadenza nel senso che decorso quell termine quell'atto non sarebbe più ammissibile.* ***Ghandu jinghad ukoll illi terminu legali perentorju ma jistghax jiggedded jew, b'xi mod sanata n-nuqqas ta' l-osservanza tieghu. Hu inerenti ghan-natura stess ta' terminu bhal dan l-inderogabilità tieghu w allura dan ma jistax jircievi sanatorja jew rimessjoni fit-terminu tkun xi tkun ir-raguni. Fi kliem iehor it-terminu perentorju ma jistghax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet***[7]*. Dik il-proroga hi possibbli biss ope legis bhal fil-kaz fejn l-ahhar jum ghall-prezentata ta' att ikun jum tas-Sibt jew tal-Hadd jew jum ta' festa. Ara "Dimech Enterprises Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell, 23 ta'Gunju 2004. Jekk wiehed joqghod ghal dak li nghad s'issa ftit hemm dubju illi, minn kif koncepit l-artikolu rilevanti [Reg. 4(1)(d) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994] – fil-kaz in ezami r-Regola 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal- Ligijiet ta' Malta – it-terminu fih prefiss ghall-appell kontra stimi hu wiehed perentorju, u konsegwentement fatali, tant li l-kliem introduttivi tad-disposizzjoni jaffermaw illi jekk ma jkunx hemm l-osservanza tieghu, l-appell "ma jkunx validu". Ara, fost ohrajn, in tema sentenzi ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in re: "Martin Briffa v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 24 ta' Novembru 2003 u "Blevins Franks International Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 4 ta' Mejju 2005. Anke kieku stess però dak it-termini ta' tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell, kellu jitqies terminu legali ordinatorju li, skond l-Artikolu 106, Kapitolu 12, jippermetti t-tigdid tieghu ghal raguni tajba, ma jirrizultax lanqas imbaghad, f'dan il-kaz illi talba bhal din saret "fiz-zmien li tieghu jintalab it-tigdid" ossija qabel l-iskadenza tat-terminu utili stabbilit ghall-appell (Kollez. Vol. XXXIII pI p321). Lanqas permezz ta' talba ad hoc fi procedura appozita ghar-restituzzjoni in*

---

[6] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) deciza fil-25 ta' Jannar 2006
[7] Enfasi ta' dan it-Tribunal

*integrum. Procedura din li jrid jinghad kienet permissibbli fi zminijiet imghoddija. Ara Kollez. Vol. XXIX pI p276 u Kollez. Vol. XXXIV pI p348….anke kieku l-Qorti kellha toqghod fuq il-portata tac-certifikat mediku datat 29 ta' Ottubru 1998 (u mhux ukoll dak datat 19 ta' Mejju 2003 prezentat wara s-sentenza tal-Bord), li baqa' mhux konfermat, l-istess ikollu jinghad li din il-Qorti mhix konvinta li tista' tirrikonoxxi fih sitwazzjoni ta' 'raguni tajba", certa w objettiva li kienet talment timpedixxi lill-appellat mill-osservanza tat-terminu f'dak il-mument u ghal dik ir-raguni.* ***Opportunatament ghandu jigi mfakkar illi t-termini procedurali ma jistghu qatt jithallew fid-diskrezzjoni ta' xi wahda mill-partijiet jew, li hu aghar, jigu injorati minn min hu msejjah biex jiggudika.***[8] *Anke jekk mhux espressament riferibbli ghall-fattispeci tal-kaz de quo, il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni "Kummissarju tat-Taxx fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" 6 ta' Ottubru 2000, u cjoe, li "l-Qrati (u dan jghodd ukoll ghat-tribunali ta' kull speci) huma obbligati li japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom ebda diskrezzjoni la li jinjorawhom, la li jadottawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li jkun gust u ekwu fic-cirkostanzi, u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu improvvizati, f'dawk ic-cirkustanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati w emaskolati proceduri ohra espressament provvduti bil-ligi".*

Illi issa f'dan il-kaz, ir-rikorrent mhux qed jipprova jiggustifika tardivita`, pero` qieghed jissottometti li t-terminu beda ghaddej minn meta rcieva l-ittra tat-23 ta' Lulju 2014 u dan ghaliex fil-frattemp kienu qeghdin jigu skambjati xi ittri bil-ghan li tinstab soluzzjoni bonarja. Illi kif intqal fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Kenneth Abela vs Aplan Limited u R.V. Electronics** deciza fis-6 ta' Frar 2008 *"Ma jista' qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta' atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi. F'dan il-kaz il-ligi trid li t-terminu specifikat ghall-proponiment ta' l-appell minn sentenzi tat-Tribunal tal-Konsumaturi jiddekorri mid-data tas-sentenza. Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u* ***ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula****"*[9] *("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);*

*Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b'xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007)"*

[8] Enfasi ta' dan it-Tribunal
[9] Enfasi ta' dan it-Tribunal

Illi dan it-Tribunal jaghmel tieghu ir-ragunament appena citat u ghalhekk, kif intqal iktar 'il fuq, jirrileva illi terminu ta' appell ma jistghax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Kieku dan it-Tribunal kellu jikkoncedi l-argumenti imressaq mir-rikorrenti, allura kull min ihossu aggravat b'decizjoni amministrattiva jista' jibda jikteb l-ittri lill-istess Awtorita` biex terga' tikkonsidra d-decizjoni taghha bir-rizultat illi t-terminu ta' appell ikun wiehed indefinit, ghaliex wara li l-Awtorita` tiktiblu lura jista' jerga' jirrispondiha u jistghu jibqghu sejrin hekk *ad infinitum*. Certament din ma kinitx l-intenzjoni tal-Legislatur li meta impona t-terminu ta' appell ried li jistabilixxi dik c-certezza li kull terminu jgib mieghu. Illi ghalkemm dan it-Tribunal ma jsib xejn hazin illi min ihossu aggravat jidhol fi skambji ta' ittri mal-Awtorita` koncernata bil-ghan li forsi tinstab xi soluzzjoni bonarja, min-naha l-ohra ma jistghux jigu njorati termini legali li jekk ma jigux osservati jkunu fatali f'kaz li d-diskussjonijiet li jsiru ma jwasslux ghal soluzzjoni bonarja.

Illi fl-ahharnett, madankollu, dan it-Tribunal ma jistghax ma josservax illi l-indikazzjoni tal-Awtorita` intimata fl-ittra tat-23 ta' Lulju 2014, u cioe` li r-rikorrent kellu dritt jappella minn tali decizjoni f'dak l-istadju, setghet zgwidat lir-rikorrent u dan se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi r-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu tardivament.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jiddeciedi billi jiddikkjara li l-appell gie intavolat *fuori termine* u konsegwentement hu irritu u null, u bla effett fil-ligi u ghaldaqstant jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**